MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 356/2009

Kawza fil-lista: 19

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Adrian Camilleri**
**u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno kuraturi deputati nominati**
**sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li minn relazzjoni li kellha mal-assenti C D, ta' nazzjonalita' Serba, twieldet it-tifla Gulia fis-26 ta' Mejju 2004; li meta t-tifla kellha biss seba' xhur l-intimat iddecieda li jitlaq minn Malta ghaliex kien spicca mix-xoghol u ried li jmur lura lejn pajjizu sabiex jara lill-familjari tieghu; li minn dak iz-zmien 'il quddiem huwa gie lura

Malta darba biss ghal zmien xahar u rega' telaq u ma regax gie lura; li minn mindu telaq minn Malta l-ewwel darba, l-intimat beda juri li ma kellux interess fl-attrici, u di piu' qatt ma mantna lit-tifla; li huwa kien jcempel lill-attrici u jinsulentaha u jheddidha sabiex hija tirsisti mal-awtoritajiet kompetenti biex jottjeni l-viza biex jkun jista' jigi hawn Malta; li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni sabiex tipprocedi bl-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti takkordalha l-kura u kustodja esklussiva tat-tifla minuri Gulia, bi dritt ta' access favur l-intimat; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat il-verbal maghmul fl-udjenza tas-16 ta' Frar 2011 li permezz tieghu l-attrici talbet li din il-Qorti tipprovdi wkoll dwar il-hrug tal-passaport tal-minuri, anke fin-nuqqas tal-permess tal-missier;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din tigi afdata fil-kura u kustodja esklussiva tat-tifla Gulia li twieldet mill-partijiet fis-26 ta' Mejju 2004, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprovdi dwar il-hrug ta' passaport tal-minuri anke fin-nuqqas tal-kunsens tal-konvenut.

Illi mill-provi jirrizulta li minn relazzjoni extra-matrimonjali ta' l-attrici mal-konvenut assenti li bdiet f' Mejju 2003, il-partijiet ghandhom tifla li twieldet fid-data fuq indikata, u li llum ghandha sitt snin u nofs.

Illi din it-tifla dejjem ghexet u trabbiet ma' l-attrici, filwaqt li ma kellha ebda sapport, lanqas finanzjarju, mill-konvenut li ma kienx juri nteress fihom.

Illi meta t-tifla kienet ghadha lanqas ghalqet sena huwa telaq minn Malta lejn pajjizu u ma regghex gie Malta hlief ghal perijodu ta’ xahar biss.

Illi l-Qorti tosserva li l-interessi tal-minuri jiddettaw li, fic-cirkostanzi, it-tifla tibqa’ tghix ma’ l-attrici, u li ghalhekk din qeda tigi afdata bil-kura u kustodja esklussiva ta’ l-istess.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tafdaha bil-kura u kustodja esklussiva tat-tifla Gulia li twieldet fid-data fuq imsemmija, b’ access favur il-konvenut, li l-modalita’ tieghu jigi stabbilit b’ applikazzjoni ad hoc mill-istess; inoltre tawtorizza lill-attrici tottjeni passaport ghall-minuri anke fl-assenza tal-kunsens tal-konvenut, bil-kondizzjoni li meta tkun ser issiefer bit-tifla, hi ghandha tipprezenta nota fir-Registru ndikanti l-post u l-perijodu tas-safar.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut assenti, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------